Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 546/2002

tal-25 ta' Marzu 2002

li jiffissa l-*premiums* u l-livelli ta' garanziji għat-tabakk tal-werqa skond il-gruppi ta' varjetà u l-Istat Membru, għall-ħsad ta' l-2002, 2003 u 2004 u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2075/92

(ĠU L 84, 28.3.2002, p. 4)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003	L 270	1	21.10.2003
►M2	emendat minn Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 864/2004 tad-29 ta' April 2004	L 206	20	9.6.2004

Emendat minn:

►A1	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 546/2002

tal-25 ta' Marzu 2002

li jiffissa l-*premiums* u l-livelli ta' garanziji għat-tabakk tal-werqa skond il-gruppi ta' varjetà u l-Istat Membru, għall-ħsad ta' l-2002, 2003 u 2004 u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2075/92

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l- organizzazzjoni komuni fis-suq tat-tabakk mhux maħdum ([4]) jiddisponi għall-iffissar ta' l-ammont tal-*premium* u l-ammonti supplimentari għal kull ħsad ta' tabakk, waqt li jikkunsidra b'mod partikolari possibiltajiet ta' l-imgħoddi u prevedibbli għar-rimi tad-diversi tipi ta' tabakk, f'kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-premiums għandhom għalhekk ikunu ffissati u marbuta ma' l-għetiebi ffissati għall-2002, 2003 u l-2004.

(2) Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92, l-għetiebi ta' garanzija għal kull grupp ta' varjetà u Stati Membri għandhom jiġu ffissati għall-ħsad ta' l-2002, l-2003 u l-2004, waqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-kondizzjonijiet tas-suq u l-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi u agronomiċi fl-inħawi kkonċernati ta' produzzjoni. Il-livelli ta' l-għetiebi jiġu ffissati kmieni sabiex il-produtturi jistgħu jippjanaw il-produzzjoni tagħhom għall-ħsad in kwistjoni.

(3) L-Artikolu 6(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 jippermetti lill-Istati Membri li japplikaw skema ta' rkant għal kuntratt ta' kultivazzjoni. Skond id-disposizzjonijiet fis-seħħ fil-preżent, jekk din l-iskema tiġi applikata jkollha tkopri l-gruppi kollha tal-varjetajiet ta' tabakk prodotti fi Stat Membru. Is-sistema għadha ma ġietx applikata għar-raġuni li l-Istati Membri jemmnu li l-irkant huwa ġustifikat biss għal ċerti gruppi ta' varjetajiet u biss għal kuntratti ta' gruppi produtturi li juru interess. Bl-iskop li jinkoraġġixxi l-irkanti bħala mezz biex jogħla l-prezz kummerċjali ta' tabakk mhux maħdum, għandhom jiddaħħlu disposizzjonijiet aktar flessibbli sabiex l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu dan il-mekkaniżmu għal ċerti gruppi ta' varjetà biss u għal gruppi produtturi li jixtiequ jieħdu sehem.

(4) Ir-riservi tal-kwota nazzjonali magħmula skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2075/92 fallew milli jiksbu l-bidla jew l-għanijiet ta' ristrutturar ta' l-irziezet li għalihom kienu saru. L-applikazzjoni f'livell nazzjonali, b'mod partikolari l-

([1]) ĠU Ċ 51 E, tas-26.2.2002, p. 382.
([2]) Fehma mogħtija fl-14 ta' Marzu 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Fehma mogħtija fl-20 ta' Frar 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1336/2000 (ĠU L 154, tas-27.6.2000, p. 2).

▼B

kriterji stabbiliti mill-Istati Membri għat-tqassim mill-ġdid tar-riservi u l-ammonti żgħar involuti fl-istabbiliment tagħhom, uriet bil-provi li mhumiex biżżejjed biex jiksbu r-riżultat mixtieq. Barra minn hekk, l-arranġamenti amministrattivi għall-ġestjoni tar-riservi nazzjonali ħolqu ammont ta' xogħol eċċessiv u kkumplikaw b'mod eċċessiv il-ġestjoni tal-kwoti, li rriżultaw f'dewmien serju fit-tqassim tagħhom. Madankollu l-possibbiltà għandha tibqa' miftuħa għall-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan biex jirrikorru għal din is-sistema fejn huma jikkunsidrawha utili.

(5) It-Trattat jirrikjedi li livell għoli ta' ħarsien ta' saħħet il-bniedem ikun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha tal-Komunità. Fil-qafas ta' l-istrateġija għal żvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, il-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' kull politika għandhom jiġu kkunsidrati. Fir-reġjuni li jipproduċu tabakk mhux maħdum, ikun aħjar minħabba f'hekk li jimplimentaw azzjonijiet bl-għan li jiżviluppaw għejun ġodda ta' dħul u attività ekonomika għal dawk li jkabbruh. Sabiex jinkiseb dan l-għan, huwa propost li l-attivitajiet tal-Fond Komunitarju tat-Tabakk ikunu emendati u r-riċerka agronomika għandha tinbidel b'miżura biex twieżen inizjattivi speċifiċi li jippermettu lil dawk li jkabbru t-tabakk li jaqilbu mit-tabakk għal uċuħ u attivitajiet ekonomiċi oħra li joħolqu l-impjiegi.

(6) Ta' min ukoll iżid it-tnaqqis użat biex jiffinanzja l-Fond għal 3 % fl-2003 sabiex jissaħħu l-mezzi tan-nefqa disponibbli għall-iffinanzjar tal-miżuri ta' informazzjoni fuq l-effetti ta' ħsara tal-konsum tat-tabakk u inizjattivi biex jibdlu l-produzzjoni. Din il-miżura ta' l-aħħar, li hija prijorità ġdida, tista' tkun implimentata b'mod nazzjonali bħala parti minn miżuri ta' konverżjoni speċifiċi u tkun takkumpanja u tiżviluppa sinerġiji mal-programm ta' kwoti tax-xiri għall-ħażna. Għall-ħsad ta' l-2004, jekk ikun hemm bżonn, it-tnaqqis jista' jiżdied sa 5 % skond l-użu ta' l-approprijazzjonijiet tal-Fond, fuq il-bażi ta' rapport magħmul mill-Kummissjoni.

(7) Ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall- ►**M1** ►**M2** ħsad 2002, 2003, 2004 u 2005 ◄ ◄, l-ammonti tal-*premiums* għal kull wieħed mill-gruppi ta' tabakk mhux maħdum u l-ammonti supplimentari msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 għandhom ikunu kif murija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-ħsad ta' l- ►**M1** ►**M2** ħsad 2002, 2003, 2004 u 2005 ◄ ◄, l-għetiebi ta' garanziji msemmija fl-Artikoli 8 u 9 tar- Regolament (KEE) Nru 2075/92 minn grupp ta' varjetà u mill-Istati Membri għandhom ikunu kif murija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 6 (5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

▼B

"5. L-Istati Membri jistgħu, jekk l-istrutturi jagħmluha xieraq, li japplikaw lill-gruppi ta' produtturi li jixtiequ jieħdu sehem fiha skema ta' rkant għal kuntratt ta' kultivazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 għal grupp ta' varjetà partikolari fejn tingħalaq qabel id-data li fiha tibda l-konsenja tat-tabakk."

2. L-Artikolu 9 (5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Stati Membri produtturi għandhom ikunu intitolati li joħolqu riserva ta' kwota nazzjonali, li r-regoli ta' l-operat tagħha għandhom ikunu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 23."

3. L-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 13

1. Għandu jitwaqqaf Fond Komunitarju tat-Tabakk (minn hawn 'il quddiem 'Fond') iffinanzjat minn tnaqqis ta':

— 2 % tal-*premium* għall-ħsad ta' l-2002,

— 3 % tal-*premium* għall-ħsad ta' l-2003,

Il-Kummissjoni għandha tibgħat qabel il-31 ta' Diċembru 2003 rapport fuq l-użu ta' l-approprjazzjonijiet mill-Fond, li jista' jkun akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, bi proposta għal perċentwal tat-tnaqqis għall-Fond li għandu jiżdied b'sa 5 % għall-ħsad ta' l-2004.

2. Il-Fond għandu jiffinanzja azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

(a) titjib fl-għarfien tal-pubbliku ta' l-effetti ta' ħsara tal-forom kollha tal-konsum tat-tabakk, b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni u edukazzjoni, appoġġ għall-ġbir ta' data biex jiġu stabbiliti modi ta' konsum tat-tabakk u biex jitwettqu studji epidemjoloġiċi fuq in-nikotiniżmu fil-Komunità, u studju fuq il-prevenzjoni tan-nikotiniżmu;

(b) bħala parti mill-programm imsemmi fl-Artikolu 14(1), miżuri speċifiċi biex jgħinu lil dawk li jkabbru t-tabakk biex jaqilbu għal uċuħ oħra jew għal attivitajiet ekonomiċi oħra li joħolqu impjiegi u studji tal-possibbilitajiet għal dawk li jkabbru t-tabakk li jagħmlu dan."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ħsad ta' l-2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Premiums għat-tabakk tal-werqa mill-►M1 ►M2 ħsad 2002, 2003, 2004 u 2005 ◄ ◄

	I Imqadded bi sħana artifiċjali minn tubu	II Ċar	III Skur	IV Imqadded bin-nar	V Imqadded bix-xemx	VI Basmas	VII Katerini	VIII Kaba Koulak
EUR/kg	2,98062	2,38423	2,38423	2,62199	2,14581	4,12957	3,50395	2,50377

AMMONTI SUPPLIMENTARI

Varjetajiet	EUR/kg
Badischer Geudertheimer, Pereg, Korso	0,5509
Badischer Burley E u l-ibridi tiegħu	0,8822
Virgin D u l-ibridi tiegħu, Virginia u l-ibridi tiegħu	0,5039
Paragwaj u l-ibridi tiegħu, Dragon Vert u l-ibridi tiegħu, Filippin, Petit Grammont (Flobecq), Semois, Appelterre	0,4112

▼B

ANNESS II

Għetiebi għall-ħsad ta' l-2002

(tunnellati metriċi)

Stat Membru	I Imqadded bi sħana artifiċjali minn tubu	II Ċar imqadded fl-arja	III Skur imqadded fl-arja	IV Imqadded bin-nar	V Imqadded bix-xemx	Oħrajn			Total
						VI Basmas	VII Katerini	VIII K. Koulak	
L-Italja	49 002	49 436	16 256	6 255	9 157		498		130604
Il-Greċja	35 781	12 276			7 192	27 114	24 014	16 696	123073
Spanja	29 472	5 748	6 622	30					41872
Il-Portugall:	4 981	1 066							6047
Franza	10 650	9 602	5 359						25611
Il-Ġermanja	4 800	2 683	3 868						11351
Il-Belġju		154	1 455						1609
l-Awstrija	30	442	99						571
	134 716	81 407	33 659	6 285	16 349	27 114	24 512	16 696	340738

▼M1
▼M2

Il-limiti garantiti għall-ħsad 2003, 2004 u 2005

▼B

(tunnellati metriċi)

Stat Membru	I Imqadded bi sħana artifiċjali minn tubu	II Ċar imqadded fl-arja	III Skur imqadded fl-arja	IV Imqaddedbin-nar	V Imqadded bix-xemx	Oħrajn			Total
						VI Basmas	VII Katerini	VIII K. Koulak	
L-Italja	48 263	47 689	15 682	6 255	8 833		498		127220
Greċja	35 242	11 842			6 938	27 114	24 014	16 696	121846

▼B

Stat Membru	I Imqadded bi sħana artifiċjali minn tubu	II Ċar imqadded fl-arja	III Skur imqadded fl-arja	IV Imqaddedbin-nar	V Imqadded bix-xemx	Oħrajn			Total
						VI Basmas	VII Katerini	VIII K. Koulak	
Spanja	29 028	5 545	6 388	30					40991
Il-Portugall:	4 906	1 028							5934
Franza	10 490	9 262	5 170						24922
Il-Ġermanja	4 728	2 588	3 731						11047
Il-Belġju		149	1 404						1553
l-Awstrija	29	426	96						551
►A1 Ċipru ◄	►A1 350 ◄								►A1 350 ◄
►A1 L-Ungerija ◄	►A1 5 768 ◄	►A1 6 587 ◄							►A1 12355 ◄
►A1 Il-Polonja ◄	►A1 22 200 ◄	►A1 12 633 ◄	►A1 1 867 ◄	►A1 1 233 ◄					►A1 37933 ◄
►A1 Is-Slovakkja ◄	►A1 1 598 ◄	►A1 117 ◄							►A1 1715 ◄
	►A1 162 602 ◄	►A1 97 866 ◄	►A1 34 338 ◄	►A1 7 518 ◄	►A1 15 771 ◄	►A1 27 114 ◄	►A1 24 512 ◄	►A1 16 696 ◄	►A1 386417 ◄